# PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

Onor. Imħallef Henri Mizzi

**Illum 15 ta' April 2025**

**Nru: 2**

**Rikors Nru. 461/2023**

## J.R. Enterprises Limited

**v**

## L-Avukat Dr Sue Mercieca u l-Prokuratur Legali Melissa Mary Victoria Anastasi li b'digriet tal-5 ta' Ġunju 2023 ġew nominati bħala kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lis-soċjetà estera 'KEUNE HAIRCOSMETICS EXPORT B.V.'

**Fil-qosor**

1. Fil-kawża tal-lum, is-soċjetà rikorrenti qiegħda tfittex ħlas ta' €102,072.79 rappreżentanti nofs il-valur tal-merkanzija li s-soċjetà rikorrenti bagħtet, wara ftehim mas-soċjetà intimata, lill-aġent tas-soċjetà intimata fl-Israel, wara li s-soċjetà rikorrenti ma baqgħetx taġixxi qua d-distributur tas-soċjetà intimata.

**Il-konsenja tal-merkanzija**

2. Is-soċjetà rikorrenti kienet, sa ftit żmien ilu, id-distributur esklussiv tal-prodotti manifatturati u mibjugħa mis-soċjetà intimata 'KEUNE HAIR Cosmetics Export B.V.', u prodotti oħrajn tad-ditta 'KEUNE', fil-gżejjer Maltin. Ftit qabel ma faqqgħet il-pandemija, is-soċjetà intimata informat lis-soċjetà rikorrenti li kien biħsiebha taħtar distributur ieħor minflokha sabiex ikompli jiddistribwixxi l-prodotti tagħha ġewwa Malta.[1]

3. Meta ġara dan kollu, is-soċjetà rikorrenti kien għad fadlilha xi stokk tas-soċjetà intimata fl-imħażen tagħha. Meta staqsiet lis-soċjetà intimata x'kienet ser tagħmel b'dan l-istokk, is-soċjetà intimata wieġbet li s-soċjetà rikorrenti kienet prekluża milli tkompli tbiegħ l-istokk lokalment. Però hija informatha wkoll li hi kien biħsiebha tixtri dan l-istokk mingħandha.

4. Inizjalment s-soċjetà intimata kienet ser tibgħat rappreżentant tagħha f'Malta biex jispezzjona l-prodotti in kwistjoni u jikkonferma li dawn kienu adegwati biex jerġgħu jitpoġġew għall-bejgħ. Però l-pjan inbidel hekk kif is-soċjetà intimata sussegwentement tat istruzzjonijiet lis-soċjetà rikorrenti sabiex tikkonsenja l-prodotti lill-aġent tas-soċjetà intimata fl-Israel. Rigward il-ħlas dovut lis-soċjetà rikorrenti għat-tali prodotti, is-soċjetà intimata qaltilha li:-

> "Keune will transfer 50% of the stock value to the Rapinett family as a token of good faith. The remainder will be transferred once the stock inspection has been completed minus any stock that is obsolete, expired or in unsellable condition."[2]

5. Abbażi ta' dan il-ftehim, is-soċjetà rikorrenti ħarġet l-*invoice* għat-total ta' 28 paletti stokk, liem *invoice* ġiet esibita f'paġna 43:-

[1] Ara l-affidavit ta' Joseph Rapinett, rappreżentant tas-soċjetà rikorrenti, f'paġni 39-40.
[2] Ara l-korrispondenza elettronika bejn rappreżentant tas-soċjetà intimata ma' rappreżentant tas-soċjetà rikorrenti tas-6 ta' Awwissu 2021, f'paġna 94.

**Description**

| | |
|---|---|
| Total for 28 pallets of stock: | €143,323.03 |
| Freight charges (€213/pallet): | €5,964.00 |
| Excise Tax: | €17,813.70 |
| Duty: €0.50/ltr conditioner: | €4,921.00 |
| Duty: €0.30/ltr shampoo: | €983.00 |
| Sub Total: | €173,004.73 |
| 18 % VAT: | €31,140.85 |
| **Grand total:** | €204,145.58 |

**Total to be settled with two payments of 50% each.**

| | |
|---|---|
| **Total due:** | **€102,072.79** |

6. Skont din l-*invoice* u l-ftehim li laħqu l-partijiet, is-soċjetà intimata ħallset is-somma ta' €102,072.79 rappreżentanti nofs il-valur tal-istokk, u s-soċjetà rikorrenti bagħtet il-merkanzija għand l-aġent tas-soċjetà intimata fl-Israel.

7. Is-soċjetà rikorrenti tgħid li, għalkemm il-merkanzija ntbagħtet lill-aġent tas-soċjetà intimata skont kif ftehmu l-partijiet, hija qatt ma tħallset l-ammont rimanenti għall-merkanzija. Mill-atti proċesswali, jidher li hija għamlet diversi tentattivi biex tikkuntattja lis-soċjetà intimata sabiex tistaqsi dwar il-ħlas tal-pagament rimanenti u sabiex is-soċjetà intimata tavżaha x'kellha tagħmel fir-rigward ta' xi prodotti li ma setgħux jiġu trasportati lejn l-Israel. L-unika risposta li jidher li rċeviet is-soċjetà rikorrenti kienet dik datata t-30 ta' Awwissu 2022, fejn is-soċjetà intimata qalet hekk:-

> "The tricky thing however is that the quality of many products was in very bad condition, that products were packed in the wrong packaging, that expiry dates were therefore not matching with products, and that in short many items are not sellable. The agreement of course was that the products would be in good condition and sellable."[3]

---

[3] [3] Ara l-korrispondenza elettronika bejn rappreżentant tas-soċjetà intimata ma' rappreżentant tas-soċjetà rikorrenti tat-30 ta' Awwissu 2022, f'paġna 92.

**Il-kawża tal-lum**

8. Fit-3 ta' Mejju 2023, is-soċjetà rikorrenti ppreżentat rikors ġuramentat, fejn talbet lill-qorti sabiex:-

i. Tiddikjara lill-intimati responsabbli ghall-hlas tal-prezz tal-merkanzija trasferita lejn l-Israel hekk kif intalab minn l-istess socjeta intimata;

ii. Tillikwida l-valur tal-merkanzija hekk trasferita u jekk mehtieg tali valur ghandu jkun stabbilit permezz ta' periti nominandi;

iii. Tillikwida d-danni sofferti mis-socjeta rikorrenti liema danni jikkonsistu fi spejjeż li saru ghat-trasferiment tal-imsemmija merkanzija;

iv. Tordna lill-intimati jhalsu lir-rikorrenti l-valur tal-merkanzija u d-danni hekk llikwidati;

v. Bl-ispejjez, bl-imghax mid-data tal-presentata ta' dana r-rikors guramentat u b'hekk l-intimati jibghu ngunti ghas-subizzjoni.[4]

9. Fil-5 ta' Ġunju 2023,[5] il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ħatret lill-Avukat Dr Sue Mercieca u lill-Prokuratur Legali Melissa Mary Victoria Anastasi bħala kuraturi sabiex jirrappreżentaw lis-soċjetà intimata li topera mill-Olanda u li m'għandhiex sede f'Malta.[6]

10. Fir-risposta ġuramentata tal-20 ta' Frar 2024, il-kuraturi deputati għan-nom tas-soċjetà intimata, wieġbu hekk:-

i. Illi l-esponenti Kuraturi Deputati jissottomettu illi stante illi ma ġie provdut l-ebda indirizz fejn jistgħu jikkomunikaw mal-intimat ma ġie provdut l-ebda indirizz fejn jistgħu jikkomunikaw mal-intimat mhumiex f'pożizzjoni li jinfurmawh bil-kawza odjerna u jipperzentaw ir-rispota ġuramentat ghan-nom tal-intimat assenti. Illi mir-rikors ġuramentat jidher illi r-rikorrenti għandha xi indirizzi elettroniċi fejn l-esponenti jkunu jistgħu jikkomunikaw mal-intimat assenti u għaldaqstant qed jitolbu sabiex dawn l-indirizzi elettroniċi ikunu mgħoddija lill-esponenti sabiex ikunu jistgħu jikkomunikaw mal-assenti;[7]

ii. Illi in vista ta' dan, l-esponenti Kuraturi Deputati mhumiex edotti mill-fatti de quo u ghalhekk qed jirriservaw id-dritt li jippreżentaw risposta ġuramentata motivata u ulterjuri flimkien ma' lista ta' xhieda u dokumenti jekk ikun il-każ, f'każ u jekk jiġu edotti mill-fatti, liema dritt qed jirriservawh ukoll f'każ illi l-intimat jinstab u jingaġġa l-avukat ta' fiduċja tiegħu;

iii. Salv risposta ulterjuri.

---

[4] Ara r-rikors ġuramentat tas-soċjetà rikorrenti tat-3 ta' Mejju 2023, f'paġni 1-3.
[5] Ara d-digriet tal-Qorti tal-5 ta' Ġunju 2023, f'paġni 4-5.
[6] Ara r-rikors tas-soċjetà rikorrenti tat-3 ta' Mejju 2023, għall-ħatra tal-kuraturi, f'paġna 8.
[7] Ta' min jiġi nnotat li l-indirizzi elettroniċi tas-soċjetà intimata huma identifikati fil-kopji tal-korrispondenzi elettroniċi bejn il-partijiet, f'paġni 44-114, u għalhekk il-kuraturi setgħu jagħmlu kuntatt magħha.

iv. Bl-ispejjeż.[8]

11. Il-kuraturi deputati ma ressqux eċċezzjonijiet ulterjuri. Lanqas m'eżerċitaw il-fakoltà li jippreżentaw xi provi, minkejja li ngħataw terminu għal dan l-għan minn din il-qorti. Fis-seduta tas-17 ta' Jannar 2025, il-kawża għalhekk tħalliet għas-sentenza.

**Analiżi tal-Qorti**

12. Kif diġà ngħad, il-ftehim bejn il-partijiet kien li s-soċjetà rikorrenti titħallas nofs il-valur tal-merkanzija qabel ma ssir il-konsenja u li titħallas in-nofs l-ieħor wara li tkun saret il-konsenja u wara li l-prodotti jkunu ġew spezzjonati. F'każ li jinstabu xi prodotti "obsolute, expired or in unsellable condition", il-valur tagħhom kellu jiġi ridott mis-somma rimanenti li kienet dovuta lis-soċjetà rikorrenti.

13. Issa f'dan il-każ, is-soċjetà intimata allegat, fl-email tat-30 ta' Awwissu 2022, li ħafna mill-prodotti ma kienux ta' kwalità tajba, li kien hemm prodotti li ġew ippakkjati ħażin u li kien hemm prodotti li s-soċjetà intimata ma setgħatx terġa' tbiegħ. Dan jiġi kkontestat mis-soċjetà rikorrenti, li ssostni li l-prodotti kkonsenjati kienu ta' kwalità tajba, u li tikkontendi li għandha tirċievi l-ammont rimanenti kollu, mingħajr l-ebda deduzzjonijiet. Hija ssemmi l-fatt li s-soċjetà intimata kienet ġiet informatha bid-dettalji tal-prodotti li kienu ser jiġu kkonsenjati u kienet anke approvathom. Apparti minn hekk hija tgħid li s-soċjetà intimata naqset milli tieħu l-opportunità li tibgħat rappreżentant f'Malta biex jispezzjona l-prodotti in kwistjoni, qabel ma saret il-konsenja.

14. Mill-atti proċesswali ma jirriżultax li s-soċjetà intimata qatt ipprovdiet xi rendikont tal-prodotti allegatament difettużi u li tagħhom ma kinitx ser tkun qiegħda tikkumpensa lis-soċjetà rikorrenti. Wisq anqas ma tirriżulta prova li uħud mill-prodotti verament kienu "*obsolute, expired or in unsellable condition"* u li b'hekk is-soċjetà intimata kienet ġustifikata li ma tipprovdix il-kumpens dovut għalihom lis-soċjetà rikorrenti, skont kif

[8] Ara r-risposta ġuramentata tal-kuraturi deputati tal-20 ta' Frar 2024, f'paġna 36.

miftiehem. F’dan il-każ, it-tali prova kienet ir-responsabbiltà tas-soċjetà intimata li kienet qiegħda tressaq it-tali allegazzjoni li ġiet sussegwentement ikkontestata mis-soċjetà rikorrenti.

15. Billi, għalhekk, saret il-prova tal-ftehim u tal-konsenja, u ma saritx prova kuntrarja, il-qorti qiegħda tqis lis-soċjetà intimata hija obbligata li tħallas lis-soċjetà rikorrenti l-bilanċ tal-prezz tal-merkanzija kif miftiehem, cioè s-somma ta’ €102,072.79, li tinkludi wkoll l-ispejjeż tat-trasport u tad-dwana.

**Parti deċiżiva**

16. Għal dawn ir-raġunijiet, il-qorti qiegħda:-

a. tiddikjara lis-soċjetà intimata responsabbli għall-bilanċ tal-prezz dovut għall-merkanzija li ġiet ikkonsenjata mis-soċjetà rikorrenti lill-aġent tas-soċjetà intimata fl-Israel, skont ftehim mas-soċjetà intimata;

b. tillikwida l-ammont dovut mis-soċjetà intimata fl-ammont ta’ €102,072.79 rappreżentanti nofs il-valur tal-istokk, kif ukoll l-ispejjeż tat-trasport u tad-dwana; u

c. tordna lis-soċjetà intimata tħallas lis-soċjetà rikorrenti l-ammont hekk likwidat.

Bl-imgħax legali mit-3 ta’ Mejju 2023.

L-ispejjeż tal-kawża għandhom jitħallsu mis-soċjetà intimata.

Henri Mizzi
Imħallef

Tristan Duca
Deputat Reġistratur